# Ir-Restawr tal-Qniepen tal-Knisja Matriċi ta' San Leonardu ta' Ħal Kirkop

**Kenneth Cauchi**
MA. (Bar. Std.) Melit; B. Cons. (Hons.) Melit.



***Kenneth Cauchi waqt xogħol fuq l-eqdem qanpiena f'Malta (ritratt* Times of Malta*)***

*Bejn Frar u Ġunju tal-2017 sar r-restawr tal-erba' qniepen tal-knisja matriċi ta' San Leonardu ta' Ħal Kirkop. Dan kien proġett, bħal diversi oħra fuq il-lista, li permezz tiegħu mhux biss napprezzaw il-wirt artistiku Koppi, iżda fuq kollox nippreservawh għal ġenerazzjonijiet futuri. Dan kien proġett konsiderevoli li ma kienx ikun possibbli li kieku ma kienx għall-insistenza u l-inizjattiva tal-ex-kappillan Monsinjur Valentino Borg, u t-tħabrik tas-Sur Charles Calleja li rnexxielu jassigura l-ġenerożità ta' Multigas Ltd li ffinanzjaw il-proġett. Ma' dawn kien hemm diversi nies li offrew l-għajnuna tagħhom, u ta' dan nirringrazzjawhom għan-nom tal-Koppin kollha. Nittamaw li dan il-proġett jiġi kkumplimentat minn xogħol ta' preservazzjoni fuq l-arloġġ prezzjuż tal-arluġġar Mikelanġ Sapiano, kif kien oriġinarjament maħsub, u jikber aktar l-għarfien u l-interess dwar id-daqq tal-qniepen. Il-proġett ta' restawr tmexxa mill-kampanoloġista rinomat Kenneth Cauchi li għoġbu jwaslilna dan it-tagħrif mislut mir-rapport dwar il-kundizzjoni li fiha kienu l-qniepen (condition assessment report) li sar fl-24 ta' Frar 2017, u r-rapport finali tax-xogħlijiet konklużi fis-26 ta' Ġunju tal-istess sena.*

### Kuntest deskrittiv u storiku

Il-knisja matriċi ta' San Leonardu ta' Ħal Kirkop għandha erba' qniepen imdendla fiż-żewġ kampnari tagħha. F'kampnar minnhom hemm il-qanpiena l-kbira waħedha, mentri fil-kampnar l-ieħor hemm tliet qniepen oħra iżgħar. Tqassim li jista' jitqies tipiku għall-gżejjer Maltin. Dawn il-qniepen ma jistgħu bl-ebda mod jiġu kkunsidrati bħala sett, dan għaliex ma ġewx maħsuba u manifatturi flimkien bħala sett. Jistgħu jiġu deskritti bħala grupp ta' qniepen fonduti minn brunżara differenti, fi żminijiet differenti u ġew imlaqqa' flimkien matul iż-żminijiet. Għaldaqstant il-kombinazzjoni mużikali tagħhom tista' tkun ir-riżultat ta' sforz intenzjonali jew inkella kumbinazzjoni. Madankollu wieħed jista' jgħid li ftit jew wisq jirrappreżentaw korda maġġura fl-iskala tan-nota Fa naturali. L-iżgħar żewġ qniepen


*Il-qanpiena l-kbira qabel ir-restawr (ritratt P. Balzia)*

jintużaw għat-tokki tal-arloġġi. Il-qanpiena ż-żgħira biex timmarka l-kwarta u l-oħra biex timmarka is-siegħa.

**L-Ewwel Qanpiena (il-Kbira)**
Fonduta fl-1795 fil-funderija tal-Ordni tal-Kavalieri ta' San Ġwann ġewwa l-Belt, meta din kienet immexxija mill-aħwa Trigance. Hija qanpiena tipika ta' Trigance, fonduta fil-manjiera tiegħu, u tista' titqies bħala waħda mill-ħafna li dawn il-fondituri prolifiċi ħadmu lokalment. Huwa fatt magħruf li din il-qanpiena kienet oriġinarjament ikkummisjonata għall-Parroċċa tal-Furjana li f'nofs is-seklu 19, iddeċidew li jbiddlu l-qniepen tagħhom ma' oħrajn akbar. Kien hawn, propju fis-sena 1862 li din il-qanpiena nxtrat mill-parroċċa Koppija. L-iskrizzjoni fuq il-qanpiena hija xhieda ċara ta' dan kollu, *PRINCEPS INSVLAE NOMINE PVBLIV –*

*FRATRÈS TRIGANCE FECERVNT ANNO DNI 1795*. Ma' din wieħed ma jridx jinsa jżid l-iskema dekorattiva ta' din il-qanpiena tinkludi rappreżentazzjoni tal-Martirju ta' San Publiju fuq naħa, u l-Madonna bil-Bambin fi sfond ta' sħab fuq in-naħa l-oħra.

**It-Tieni Qanpiena**
Din il-qanpiena ġiet foduta fl-1844 minn Carlo Moreni, fonditur tal-qniepen minn Firenze. Bla dubju tista' titqies bħala l-aħjar qanpiena mill-erbgħa li nsibu fil-knisja matriċi ta' Ħal Kirkop. Il-qniepen ta' Moreni huma kkunsidrati bħala prestiġjużi, l-aktar minħabba l-fatt illi qniepen minn tiegħu li għadhom jindaqqu f'Malta tgħoddhom fuq id waħda. Mhuwiex ċar jekk din il-qanpiena oriġinarjament inxtratx ukoll mill-Furjana, biss l-iskrizzjoni li nsibu fuq din il-qanpiena ġġegħilna nħarsu lejn din l-ipotesi. Din taqra, *PATRONO COELESTI SACRAM NOLAM HANC PVBLIO – CAROLVS MORENIVS FLORENTIAE FVDIT. A.D. M.D. CCC.XLIV.* u għalhekk fost affarijiet oħra, tagħmel referenza għal San Publiju. Il-qanpiena għandha skema dekorattiva fina u dettaljata li tinkludi rappreżentazzjonijiet tal-Madonna bil-Bambin u kalċi li minnu ħierġa l-Ewkaristija f'dija ta' dawl. Dawk id-dekorazzjonijiet jixhdu funderija fina, kif wara kollox kienet din il-funderija ta' Firenze.

**It-Tielet Qanpiena**
Din il-qanpiena ġiet fonduta lokalment fl-1747 ġewwa l-funderija tal-Ordni li dik il-ħabta kienet immexxija mill-mastru fondatur Aloisio Bouchut. Tipika tal-qniepen fonduti minn Bouchut, din il-qanpiena hi pjuttost lixxa, mingħajr dekorazzjonijiet għajr l-arma tal-Isqof Paolo Alpheran de Bussan u raffigurazzjoni ta' San Pawl. Din il-qanpiena tista' titqies bħala waħda kemxejn raffa fil-manifattura, u hija l-aktar qanpiena medjokri mill-erbgħa. L-unika iskrizzjoni li ġġib hi *A.D.1747*, is-sena li fiha saret.



*It-tlett qniepen l-oħra wara r-restawr (ritratt P. Balzia)*

**Ir-Raba' Qanpiena**

Fonduta fl-1880 mill-brunżar Benedetto Boero minn Genova u ħuh, din il-qanpiena għandha skema dekorattiva ġenerali mingħajr ebda rappreżentazzjonijiet ċentrali, tipikament fl-istil Ġenovan. Għandha iskrizzjoni li tgħid, *FRATELLI BOERO/BENEDETTO F. (ecit) GENOVA.*

**Xogħol ta' Konservazzjoni u Restawr**

Kif mistenni, l-kundizzjoni ġenerali tal-erba' qniepen minn barra kienet waħda tajba, tant li l-uċuħ tal-bronż ma kellhomx bżonn ta' wisq attenzjoni għajr tfarfir bi pniezel rotob fuq barra. Wara t-tfarfir neċessarju, ġie kkonfermat li l-bronż tal-qniepen kollha kien stabbli, f' qagħda tajba u b'patina omoġenja li kważi kważi tagħti ġieħ lill-qedem ta' dawn il-qniepen mingħajr ma tnaqqas xejn mis-saħħa tal-istess bronż. Sabiex il-bronż jinżamm f'dan l-istat, fuq rakkomandazzjoni ta' Kenneth Cauchi, ġiet applikata passata ta' xema' tan-naħal, dan bħala miżura preventiva kontra korrużjoni futura. Peress li l-patina fuq l-uċuħ esterjuri tal-qniepen kienet waħda stabbli, max-xema' ġie miżjud *corrosion inhibitor*, li ġie applikat b'tali mod li ma tibqax twaħħal, dan sabiex jiġi evitat li trabijiet u affarijiet oħra fl-arja jeħlu mal-uċuħ tal-qniepen.

Minn ġewwa l-qniepen kellhom lega sewda, magħrufa bħala *encrustation*. Ħafna drabi din titneħħa, speċjalment minn restawraturi tal-arti, li għalihom l-estetika hi importanti, biss fil-każ ta' qniepen li għadhom qegħdin jintużaw, it-tneħħija ta' din il-lega mhix neċessarja għall- konservazzjoni tagħhom. Din id-deċiżjoni ittieħdet ukoll għaliex il-lega preżenti fuq il-qniepen Koppin mhux waħda ħoxna, u għaldaqstant ma kinitx qiegħda taffetwa l-intonazzjoni tal-qniepen. Li kieku s-sitwazzjoni kienet kontra, kienu jittieħdu miżuri kemxejn differenti.

Ta' min jirrimarka deċiżjoni interessanti li biha l-qniepen kollha ġew imdawra b'90°. Dan sabiex l-ilsna fil-qniepen kollha jibdew iħabbtu f'punti ġodda fuq ix-xoffa tal-qniepen. Din id-





***Il-qanpiena l-kbira mirfuda sabiex tkun tista' ddur u jsir ix-xogħol fuq it-travi (ritratti Kenneth Cauchi)***

deċiżjoni ttieħdet wara li ġie nnutat li l-ħxuna tal-qniepen, fil-punti fejn l-ilsien kien iħabbat, kien ittiekel b'10%. Ladarba l-qniepen kollha kienu maqlugħin, ġie deċiż li jiddawru, ħalli t-tokki jibdew f'punti ġodda, u b'hekk nevitaw ir-riskju li l-qniepen ikomplu jittieklu fl-istess punti bil-possibilità li jinqasmu. Għaldaqstant dan il-pożizzjonar ġedded il-qniepen kollha u nistgħu ngħidu li l-età tagħhom ġiet differenti biss storikament għax mill-perspettiva ta' użu, dawn jistgħu jiġu interpretati bħala kontemporanji ta' xulxin. Għaldaqstant l-erbgħa qniepen ser jibdew jittieklu flimkien, indipendentament mis-sena li fiha saru.

It-travi li jerfgħu l-qniepen (teknikament magħrufa bħala *headstocks*) ġew kollha mibdula. Waqt l-ispezzjoni li għamel Kenneth Cauchi fi Frar, sabiex jiddetermina l-kundizzjoni tal-qniepen, irrimarka li jista' jkun li t-travi tal-akbar żewġ qniepen setgħu faċilment kienu l-partijiet wieqfa ta' xi ankri mwarrba ġejjin mill-istess funderija tal-Ordni. Mid-dehra din kienet prattika komuni. Għalkemm strutturalment b'saħħithom, kien neċessarju li jinbidlu t-travi, dan sabiex ikunu jista' jiġi implimentat it-tidwir tal-istess qniepen fost titjib ieħor. Dawn inħadmu b'tali mod li jinkludu *stoppers* li jżommu l-qniepen f'posthom u fl-istess ħin jakkomadaw il-qniepen hekk kif ġew imdawra, mingħajr ma jnaqqsu bl-ebda mod l-effettiva u l-kwalitajiet tagħhom.

Fir-rigward taċ-ċintorini li jorbtu l-qniepen mat-travi (*D-shackles*) u l-pinnijiet għal magħhom, kien hemm bżonn li jinbidlu tliet settijiet minn erbgħa. Ir-raba' sett, dawk tal-qanpiena ż-żgħira, kienu iddisinjati tajjeb li jaqdu t-tidwir tal-qanpiena, u għadhom fi stat tajjeb li jibqgħu jintużaw. It-tliet settijiet li nbidlu, inħadmu kemm jista' jkun qrib lejn dawk li kien hemm qabilhom, u sintendi ġew manufatturati b'tali mod li jikkumplimentaw tajjeb il-kuruni (il-parti superjuri tal-qanpiena fejn ikollha l-qabda li minnha tintrabat mat-travi) rispettivi ta' kull qanpiena. It-taqbid tal-ilsna fuq ġewwa tal-qniepen fil-parti ta' fuq ukoll ġew mibdula,




***Tibdil tat-travi (ritratti P. Balzia u K. Cauchi)***

minn pjanċi wweldjati ma' ġewwa forma ta' ċappetta, għal ċinturini tal-ħadid imdawra b'*insulation*, sabiex jaġixxu b'mod kompletament indipendenti minn mal-ħadid tal-qanpiena, għal ħoss aħjar li jelimina kull ħoss li jtellef. Sabiex twaħħlu dawn iċ-ċintorini, il-qniepen ġew imtaqqba b'mod mirqum u professjonali min-nies imħarrġa, għal riżultat aħħari ferm aħjar.

L-ilsna tal-erba' qniepen għadom kollha l-oriġinali, dan wara li teknikament ma kien hemm l-ebda ħtieġa li dawn jinbidlu. Ovvjament ġew rinnovati fejn meħtieġ u l-partijiet mikula bit-tokki mtlew bill-*welding*, u ġew xkatlati u llixxati kif imiss ħalli jerġgħu joħorġu l-boċċi tal-ilsna. Ma' dawn imtlew ukoll bil-*welding* xi toqob żgħar fl-ilsna, kif ukoll it-toqba fl-ilsien fejn tidħol l-anella li magħha jintrabat il-ħabel. Dawn kienu ttieklu u twessgħu bl-użu, għaldaqstant imtlew u fil-mili ġew imtaqqba toqob ġodda li jissikkaw aħjar mal-anella tal-ħabel. Ilsna ġew konservati kif meħtieġ u miżbugħa ħodor kif mixtieq mill-Parroċċa. Għaddew minn proċess simili ż-żewġ imrietel tal-arloġġ. Il-partijiet mikula mtlew mill-ġdid bil-*welding* u rfinati kif imiss. Ta' min isemmi wkoll li s-sistema tal-ħbula u t-tarjoli kollha ġew mibdula, u t-travi tal-injam ta' magħhom ġew xkatlati u miżbugħa mill-ġdid, sabiex kollox jaħdem ħafna aħjar.



***Ix-xogħol ta' tiswija tal-ilsna u ċintorini ġodda (ritratt K. Cauchi)***



***It-toqob fil-qniepen sabiex jitwaħħlu ċ-ċintorini li jżommu l-ilsna (ritratt K. Cauchi)***





*It-taqbid tal-ilsna qabel u wara r-restawr (ritratti K. Cauchi)*

Filwaqt li nirringrazzja lill-Parroċċa għall-fiduċja li wriet fija għal dan il-proġett, niringrazzja lil dawk kollha li kienu t'għajnuna sabiex dan seta' jitlesta fil-ħin. L-awgurju tiegħi hu li aktar Koppin japprezzaw il-qniepen tagħhom, sabiex jinvolvu ruħhom dejjem aktar fiż-żamma u d-daqq ta' dawn il-qniepen li mhux biss jakkumpanjaw il-liturġija, iżda wkoll jagħtu karattru lil-lokalitajiet tagħna u leħen melodjuż lit-tradizzjonijiet tagħna.





*Ix-xogħol fuq l-ilsna u s-sistemi ta' ħbula magħmula ġodda (ritratti K. Cauchi)*









*Qabel u wara x-xogħol ta' restawr (ritratti K. Cauchi)*